OFM-LINK

OFM-LINK

ORDNI TAL-PATRIJIET MINURI - M A L T A
PROVINĊJA FRANĠISKANA TA' SAN PAWL APPOSTLU
http://www.ofm.org.mt

NRU. 188 APRIL 13

PAPA FRANĠISKU

L-Arġentin Jorge Mario Bergoglio S.J.

'Fra Franġisk iwiegħed ubbidjenza u qima lis-sinjur Papa Onorju u lil dawk li jiġu warajh, li huma magħżulin kif titlob il-liġi kanonika u lil-Knisja Rumana.'
(Regola Bullata 1,2 {FSF 146})

>>> TAGĦRIF IMPORTANTI - Ara paġna 12

Il-fidi ta' Missierna S. Franġisk (7)

4. Xi sitwazzjonijiet konkreti f' ħajjiet tal-fidi ta' Franġisku (iii)

c) L-awtorita' t' Alla, il-faqar u l-ubbidjenza

Alla huwa s-Sinjur ta' kollox. Verita oħra li tant kien jemmen fiha Franġisku. Imma jekk Alla huwa s-Sinjur, id-dnub tal-approprjazzjoni jġieb miegħu l-gravita' ta' sagrileġġ. Hija htija ta' 'lesa proprieta' divina'. Meta tagħmel tiegħek : ir-rieda tiegħek (Adm 2, 3 {FSF 2} ; 3 {FSF 3}); is-superjorat u l-uffiċċji (Adm 4, 1-3 {FSF 4}); ix-xjenza (l-għerf) (Adm 5,5 {FSF 5} ; 7, 1-4 {FSF 7}; 21 1 {FSF 21} ; 2C 146, 194 {FSF 905}), it-tajjeb u l-opri ta' qdusija mwettqa (Adm 19 {FSF 19}) ; il-proprju unur u stima (Adm 11 {FSF 11} ; 14 {FSF 14}) tkun qisek bħal Guda l-ħalliel, li jaħbi u jġemma l-flus tas-sinjur.

Għall-istess raġuni l-għejra hija dagħwa (Adm 8 {FSF 8}). Dawn huma xi eżempji ta' faqar radikali, intern u estern, li hija l-koerenza tant pura li l-verita tal-fidi titlob. B' dawn l-eżempji wieħed jista' jara x' inhi l-vera ispirazzjoni tal-faqar franġiskan. Ma' dan irridu nżiedu l-fatt li l-maqlub ta' dak li jidher bħala l-pusses u l-użu tal-affarijiet. Franġisku dan għexu u ħalla dan il-wirt lil uliedu biex jgħexuh.

d) Il-paternita' t' Alla, il-faqar u l-fraternita'

Alla huwa Missier. Il-paternita' t' Alla ġiet magħrrfa lil Franġisku fl-aktar mument drammatiku tal-konverżjoni tiegħu. Wisq probabbli li din ir-rivelazzjoni ħassha fil-fiżiku tiegħu, tant li ħalliet fih marka qawwija, li mbgħad inflwenzat il-*psiche* tiegħu. Din il-paternita' għalih saret xi ħaġa integrali. Ir-reazzjonijiet li għamel wara dak il-mument, jagħtuna x' nifhmu dak li għedna qabel.

Waħda mill-affarijiet li jġġiegħelna nimmeditaw hija l-intransiġenza implakabbli li biha Franġisku pprobixxa lill-patrijiet tiegħu li jkollhom pusses ta' xi ħaġa: "L-aħwa ma għandhom ikollhom xejn tagħhom, u la dar u la post u l-ebda ħaġa oħra" (RegB 6, 1 {FSF 151}) u fuq kollox li jitolbu xi privileġġi : "Nikkmanda bil-qawwa taħt ubbidjenza lill-aħwa kollha, kull fejn jinsabu, li ma jiftillhomx jitolbu xi ittra mill-Kurja Rumana, la huma infushom u lanqas bl-għajnuna ta' xi ħaddieħor, u la b' riżq xi knisja, jew xi post ieħor, jew minħabba l-predikazzjoni, u lanqas g]aliex ikunu ppersegwitati f' ġisimhom; imma kull fejn ma jiġux milqugħin, għandhom jaħarbu f'art oħra biex jagħmlu penitenza bil-barka t' Alla" (Test 25 {FSF 189}).

Dan kollu jmur aktar milli jitlob minna l-Vanġelu: "La ħatar, la ħorġa, la ħobż eċċ.." (Lq 9,3). Kif nistgħu nifhmu din is-severita' ? Naħsbu li t-tifsira qegħda fir-rispett tant sensibbli li Franġisku kellu lejn il-providenza t' Alla. Li jkollok kull ħaġa, li titlob xi privileġġ jew ittri ta' rakkomandazzjoni, li tfittex kull forma ta' sigurta materjali, tidher li jista' jkollok dubbji dwar Alla l-Missier. Lil dak Alla Missier li Franġisku għażlu u ried jafda fih f' dak il-mument ta' grazzja quddiem l-isqof t' Assisi. Sfiduċja f' Alla setgħet tkissirlu ruħu.

Ukoll taħt dan l-aspett, il-faqar franġiskan huwa mod ta' kif tgħix il-verita nisranija b' mod radikali. Dawk il-probizzjonijiet huma professjoni tal-fidi. Bis-sbuħija li hemm, li timxi minn post għal ieħor mingħajr l-iċken sigurta umana, il-ħajja tal-Fqajjar t' Assisi kienet ċelebrazzjoni permanenti u mimlija b' ferħ fil-paternita' t'Alla. Mill-ferħ profond u mimli sorprizi li ħass Franġisku f' ħajtu (li l-għeruq tiegħu kienu fis-sema, kif jidher b' mod ċar hawnhekk) sal-ferħ indeskrivibbli li narawh fil-ġrajja li jgħidulna l-*Fioretti* ta' meta Franġisku beka quddiem il-biċċiet tal-ħobż u dan għaliex lestihomlu l-Missier Etern: " O fra Masseo, aħna lanqas jistħoqqilna li jkollna teżor hekk kbir" (13 {FSF 1599}).

Dan jgħodd ukoll għall-fraternita franġiskana, li ma tieqax quddiem l-ebda fruntiera, imma hija miftuħa għal kulħadd: għall-egħdewwa, għall-ħlejjaq irrazjonali u saħansitra għall-mewt. Dan kollu juri l-ħsieb ta' wieħed li jħossu iben. Din mhijiex xi tnaqqis intelletwali (għal fatt li għandna l-istess Missier), u lanqas hi xi simpatija naturali (għal-fatt li aħna mexjin lejn l-istess idejal). Hija ħaġa vitali, kważi ħaġa psikoloġika. Peress li huwa ħassu verament bħala l-iben t' Alla, allura ħass fih b' tant qawwa s-sens tal-fraternita'. Mill-ġdid qed naraw koerenza tal-fidi b' mod imqanqal.

ikompli fil-ħarġa li jmiss

PAPA FRANĠISKU

Nhar it-13 ta' Marzu fil-Kappella Sistina wara r-4 votazzjoni, l-Kardinal Giovanni Re staqsa lil Kardinal Jorge Mario Bergoglio S.J. jekk jaċċettax l-elezzjoni tiegħu kanonika bħala Papa u l-Papa qallu iva. Wara l-Kardinal Re staqsih liema isem ried jieħu u t-tweġiba kienet **FRANĠISKU**.

Imbgħad nhar is-Sibt 16 ta' Marzu, waqt udjenza ma' 5.000 persuna li jaħdmu fil-*mass media,* fost l-oħrajn, il-Papa Franġisku qalihom : "*Alcuni non sapevano perché il Vescovo di Roma ha voluto chiamarsi Francesco. Alcuni pensavano a Francesco Saverio, a Francesco di Sales, anche a Francesco d'Assisi. Io vi racconterò la storia. Nell'elezione, io avevo accanto a me l'arcivescovo emerito di San Paolo e anche prefetto emerito della Congregazione per il Clero, il cardinale Claudio Hummes* (ndr. O.F.M. , meta mbgħad il-Papa ħareġ fil-gallarija tal-Bażilika ta' S. Pietru kien ħdejh)): *un grande amico, un grande amico! Quando la cosa diveniva un po' pericolosa, lui mi confortava. E quando i voti sono saliti a due terzi, viene l'applauso consueto, perché è stato eletto il Papa. E lui mi abbracciò, mi baciò e mi disse: "Non dimenticarti dei poveri!". E quella parola è entrata qui (nella mio cervello): i poveri, i poveri. Poi, subito, in relazione ai poveri ho pensato a Francesco d'Assisi. Poi, ho pensato alle guerre, mentre lo scrutinio proseguiva, fino a tutti i voti. E Francesco è l'uomo della pace. E così, è venuto il nome, nel mio cuore:* ***Francesco d'Assisi****. E' per me l'uomo della povertà, l'uomo della pace, l'uomo che ama e custodisce il creato; in questo momento anche noi abbiamo con il creato una relazione non tanto buona, no? E' l'uomo che ci dà questo spirito di pace, l'uomo povero … Ah, come vorrei una Chiesa povera e per i poveri! Dopo, alcuni hanno fatto diverse battute. "Ma, tu dovresti chiamarti Adriano, perché Adriano VI è stato il riformatore, bisogna riformare …". E un altro mi ha detto: "No, no: il tuo nome dovrebbe essere Clemente". "Ma perché?". "Clemente XV: così ti vendichi di Clemente XIV che ha soppresso la Compagnia di Gesù!". Sono battute …".*

Għall-Quddiesa solenni tal-bidu tal-pontifikat tiegħu nhar id-19 ta' Marzu, huwa ried li l-komunita tas-santwarju franġiskan La Verna toffri s-servizz liturġiku tagħha. Fil-fatt ħadu sehem 14 il-patri. Il-Ministru General tagħna ġie mistieden biex jikkonċelebra.



Fra Ginepro minn Assisi (+ 1258)

Wieħed minn sħab Franġisku, l-aktar li għadu popolari fost il-poplu, żgur li huwa fra Ginepru minn Assisi. Jingħad li inqgħad ma' Franġisku fl-1210. Imbgħad meta Franġisku jsemmi xi kwalitajiet u virtujiet għandu jkollu il-veru patri Minuri, fost l-oħrajn jgħid: 'is-sabar ta' fra Ginepro, li wasal sal -quċċata perfetta tas-sabar, minħabba ċ-ċaħda tar-rieda tiegħu li dejjem żamm quddiem għajnejh u mħabba x-xewqa kbira tiegħu li jimita lil Kristu fit-triq tas-salib' (SP 85 {FSF 1532}). Il-franġiskan Bernard de Besse, is-segretarju ta' s. Bonaventura, fil-ktieb tiegħu *Liber de Laudibus sancti Francisci* jgħid li ' fra Ginepro tant kien jiddi bil-grazzja tas-sabar, li wkoll meta kulħadd kien jitħawwad, imma hu kien jibqa' kalm'{FSF 1422}. Skont il-*Fioretti*, Ginepro kien jgħid li wara Alla ma kienx jaf bi bniedem ikbar minn fra Iacopo da Massa (48 {FSF 1634}). Jingħad li waqqaf il-kunventi franġiskani ta' Gualdo Tadino u Viterbo.

Il-*Leggenda ta' S. Klara* jsemmi li waqt l-agunija tal-qaddisa, hija lemħet li fra Ginepro, magħruf li minn qalbu kien ilissen talbiet qosra kollhom ħeġġa lill-Mulej, hija imtliet b'hena ġdid u staqsietu jekk kellux lesta xi ħaġa ġdida dwar il-Mulej. Ginepro fetaħ fommu u mill-forġa mkebbsa ta' qalbu ħareġ xrar jaqbad ta' kliem u l-verġni ta' Alla ħasset faraġ kbir meta semgħet il-parabboli tiegħu' (45 {FSK 646} ; LegVerCl 32 {FSK 552}).

Barra minn dawn l-għejjun primitivi tal-ħajja franġiskana, nsibu wkoll il-*Vita fratris Juniperi*, li hija parti mill-ktieb *Cronica XXIV Generalium.* Fiha nsibu erbatax il-ġrajja fuq fra Ginepru:

Għall-imħabba kbira li kellu lejn patri li ma kienx jiflah, mar u qatta'sieq ħanżir ħaj biex jagħtilu;
Il-qawwa kbira li kellu fuq ix-xitan;
Minħabba l-ingann tax-xitan, Ginepro ġie ikkundanat għall -
Ginepro kien jagħti dak kollu li jkollu lill-foqra;
Ginepro jagħti l-qniepen żgħar tad- , li kienu marbutin mat-terħa tal-altar, lil waħda mara fqira;
Ginepro żamm fommu sieket għal sitt xhur;
Ginepro jaħrab it-tentazzjonijiet tax-xitan;
Ginepro biex jiġi mżebbaħ daħal għarwien ġewwa Viterbo;
Ginepro biex jiġi mżebbaħ għax tela' fuq seesaw jilgħab mat-tfal;
Ginepro jsajjar għal ħmistax il-jum għall-patrijiet sħabu;
Ginepro darba mar għarwien Assisi;
Ginepro jidħol in estasi waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa;
In-niket kbir li qabdu wara l-mewt ta' sieħbu l-patri Attientalbene (Giovanni da Todi) ;
Ginepro, waqt it-talb, ra id ħierġa mis-sema

Żgur li l-fama tiegħu kibret meta nħadem il-film ta' Roberto Rossellini *Francesco, il giullare di Dio*. Dan il-film*, black and white,* ħareġ fl-14 ta' Diċembru 1950 u jitkellem l-aktar fuq il-ġrajjiet li jinsabu fil-Fioretti ta' S. Franġisk. Imma jitkellem l-aktar fuq fra Ginepro. Fir-ritratt jidhru Fra Ginepro (Severino Pisacane) bis-sieq tal-ħanżir f'idejh u fra Ginepro u Nicolao (Aldo Fabrizi), it-tirann ta' Viterbo.

Fra Ginepro miet Ruma fl-1258 u ndifen fil-Bażilika ta' S. Marija in Aracoeli (LdL 1 FSF 1421). Fil-fatt l-irmied ta' ġismu jinsab fit-tieni pilastru tax-xellug tal-kappella ta' S. Franġisk, li tinsab f' din il-knisja rumana. It-tifkira tiegħu ssir fid-29 ta' Jannar.

==========

P. Gonsalvo Ispano O.F.M. (1255? - 1313)

Din is-sena jaħbat l-400 sena mill-mewt ta' P. Gonsalvo Ispano (di Vallebona jew di Valboa). Din grat f' Parigi nhar it-13 t' April 1313.

P. Gonsalvo twieled f' Lugo fil-provinċja tal-Galizja u daħal mal-patrijiet franġiskani tal-provinċja ta' S. Gakbu ta' Campostela, li tagħha sar ministru provinċjal fl-1290. Studja f' Parigi u fl-1288 ha l-baċċelerat. Id-dottorat ħadu fl-1301. Bejn l-1302-1203 kien *magister regens* fl-Universita ta' Parigi, imma kellu jitlaq minn hemm (Ġunju 1203) minħabba fit-tilwima li nqagħlet bejn Filippu IV (is-Sabiħ) (1268-1314) u l-Papa Bonifaċju VIII (1230-1303). Għamel dan, peress li ma riedx jiffirma biex jiġi msejjaħ konċilju ġenerali, li r-re ried jagħmel kontra l-Papa. Ġie elett ministru provinċjal tal-provinċja ta' Kastilja fi Spanja u f' Assisi fl-1304 ġie elett Ministru Ġeneral tal-Ordni - l-ewwel Ministru General spanjol. Permezz ta' ittra tat-18 ta' Novembru 1304, huwa ressaq lil B. Duns Scotus, li kien sar jafu *per experientia longa,* fl-Universita ta' Parigi għall-maġisteru. Fit-tagħlim tiegħu mexa fuq it-tradizzjoni tal-Ordni u ħadha bis-sħiħ kontra l-aristoteliżmu esaġerat, li kien qed jidher taħt għamla ta' mistiċiżmu spekulattiv. Ta importanza kbira lill-missjonijiet tat-Tartari u l-Art Imqaddsa. Ha sehem fil-konċilju li sar fi Vjenna (1311 - 1312), imsejjaħ minn Papa Klement V (1264 – 1314). Ħadem kemm felaħ fin-nuqqas ta' qbil bejn l-Ispirtwali u l-abbużi tal-Komunita, li ġew ikkundanti mill-istess konċilju. Miet meta kien għadu Ministru Ġeneral tal-Ordni.

Fost Il-kitbiet prinċipali tiegħu nsibu:
Conclusiones Metaphysicae: Oxford Bodl. Lyell 79 ff. 79-112v; (Venezja, 1503; Lyons, 1639; Parigi, 1891);
Tractatus de Usu Paupere [?], AFH 10 (1917), 116-122 ;
Le Questiones Disputate ed de Quodlibet, maħruġin minn L. Amoros, Quarrachi 1935;

It-talba tal-paċi (2)

Fl-20 ta' Jannar 1916 l'*Osservatore Romano* ppublika din it-talba - *Mulej għamilini strument tal-paċi tiegħek .....,* bit-tradizzjoni taljana, taħt it-titlu '*Le pregherie del 'Souvenir Normand' per la pace'*, li fiha kien hemm żiediet oħra ma' dik originali tal-1912. Permezz tal-*Osservatore Romano* hija tferrxet aktar u reġgħet dehret f' *La Croix* tat-28 ta' Jannar 1916. L-interess f' din it-talba aktar kiber u Mons. Alexandre Pons ippublikha flimkien ma' taħdita li kien għamel, fejn sejjiħilha *une priere tres ancienne*.

Wara li fil-kapitlu ħamsa Christian tkellem fuq kif din it-talba tferrxet, fil-kapitlu sitta jitkellem dwar il-problema jekk kienetx miktuba minn S. Franġisk. Kollox beda meta l-kappuċċin Etienne Benoit minn Parigi ppublika din it-talba wara santa taħt l-isem *Priere pour la paix*. Ippublikha wara l-1916, wisq probabbli wara l-1918, wara santa, li fuqha jidher S. Franġisk jżomm ir-regola tal-OFS. Fl-istess santa hemm miktub li din it-talba tiġbor b'mod meraviljuż il fisonomija esterjuri tal veru dixxiplu ta' S. Franġisk. M'għandhiex nistagħġbu kif f' dak iż-żmien Franġisku u Assisi saru simboli tal-paċi. Mis-snin 120 'il quddiem din it-talba minn waħda purament kattolika saret ukoll protestanta. Il-pastor Rambaud, f' ħidma ta' rikonċiljazzjoni bejn ir-riformati franċizi u dawk germanizi, skopra din it-talba u xerridha f' bosta pajjiżi tal-Ewropa, speċjalment fl-Isvizzera u l-Belgju. Hija xterdet permezz ta' ajrugrammi bit-titlu *Priere des Chevailers de la paix* u bil-kitba *Attribuee a St. Francois d' Assise*. Mela kien fl-ambjent protestant li din it-talba tagħna ħasbuha li kitibieha S. Franġisk t' Assisi.

B' hekk il-bibien infetħu tant li saret magħrufa mad-dinja kollha (is-seba' kapitlu). Qabel l-1945 dehret traduzzjoni bl-ingliż fl-Ingliterra, imma sigurament mill-1036 dehret fi' ktieb tat-talb anglikan f' Londra. Filwaqt li mill-1945 dehret traduzzjoni mill-pastor Delekat fil-Germanja. Ukoll fl-1945 il-knisja ta' Ginevra daħlet liturġija ġdida, li fl-aħħar kien hemm appendiċi b'talb ekumeniku, li fost l-oħrajn hemm għal Medju Evu t-talba tagħna li saret fis-seklu XIII u hija opera ta' Franġisku t' Assisi.

Fl-Istati Uniti u fil-Kanada xterdet mall-ewwel u xi franġiskani kanadizi jgħidu li nqrat fl-1945 fil-laqgħa ta' San Francisco li minnha twieldet il-Gnus Maqgħuda. Fl-1 ta' Frar 1946 is-senatur Hawkes ressaqha fis-senat amerikan bħala t-talba ta' S. Franġisk u qal li nkitbet fl-1226. It-testi kollha bdew jattribixxuha bħala 't-talba ta' S. Franġisk' u fl-1952 il-pellegrinagg ta' *Pax Christi* f' Ruma u Assisi adotta għalih din it-talba. Fis-snin hamsinijiet l-edizjonijiet franġiskani u d-DACA t' Assisi bdew jixxerdu din it-talba b'lingwi differenti permezz ta' kartolini u b'hekk ġriet mad-dinja kollha, mingħajr mal-franġiskani ma allarmawx ruħhom li ma kienitx miktuba minn Franġisku. Mill-bosta verzjonijiet mużikali tajjeb li nfakkru dik ta' Sebastian Temple mill-Afrika t' Isfel (1928-1997), franġiskan sekular, li fis-6 ta' Settembru ġiet esegwita fil-knisja abbazija ta' Westminister f'Londra fl-okkażjoni tal-funeral tal-prinċipessa Lady Diana, għaliex kienet waħda mill-biċċiet mużikali li kienet tħobb.

Tant saret talba universali (kapitlu 8, pp.111-125), li ġiet adottata mill-filosofu u attivist nonvjolenti Lanza del Vasto (1901-1981), dixxiplu fil-Punent ta' Mahatma K. Gandhi, mill-isqof Braziljan Helder Camara (1909-199) u mill-Kunsill Ekumeniku tal-Knejjes. Il-B. Madre Tereza ta' Calcutta (1910-1997) tqisieha bħala l-programm spiritwali tal-Missjunarji tal-Karita (fil-fatt jaqrawha kuljum wara t-Tqarbin), imwaqqfa minnha, u fl-11 ta' Diċembru 1979, meta tawha l-

l-Premju Nobel tal-Paċi f'Oslo, fil-bidu tad-diskors tagħha, talbet lill-miġimgħa biex jghiduha magħha. L-isqof anglikan sudafrikan Desmond Tutu (1931 -) jqiesha bħala parti integrali mit-talb tiegħu. Il-Prim Ministru Ingliża Margaret Thacher qratha, b'mod pubbliku, fl-4 ta' Mejju 1979 u l-President tal-Stati Uniti Bill Clinton, meta laqa' lil B. Papa Gwanni Pawlu II f'pajjiżu, semmieha. L-istess Papa, fis-27 t'Ottubru 1986, waqt il-jum ta' talb u sawm għall-paċi, li għamel flimkien mal-kapijiet tar-reliġjonijiet f'Assisi, tkellem fuqha. Mhux ta b'xejn li l-Papa għażel din il-belt għal din il-laqgħa tant importanti.

Fid-9 kapitlu (pp.127-139) Renoux, b'reqqa xentifika, jgħarbel it-test kif ġie imxandar, b'mod speċjali bil-verżjonijiet tiegħu.

Il-ktieb ta' Renoux jagħlaq bil-mistoqsija dwar min seta' kien l-awtur ta' din it-talba, li ħafna jaħsbu li hi ta' S. Franġisk (kapitlu 10, pp.141-160). Qablu oħrajn kienu diġa staqsew fuq dan. Huwa żgur li ma kitbhiex Franġisku, imma hemm xi elementi li jaqblu ma' wieħed mid-detti tal-B. Egidju: " Ħieni min iħobb u ma jixtieqx li tintraddlu l-imħabba. Ħieni min ikollu l-biża t' Alla u ma jibażax lil ħaddieħor. Ħieni min jsservi u ma jixtieqx li jiġi servut" - Traduzzjoni libera minn *Dicta Beati Aegidii Assisiensis*, Quaracchi 1905, p. 4).

Il-mistoqsija tibqa' miftuha, bit-tama li jinstabu l-kitbiet personali ta' Bouquerel, l-awtur li wisq probabbli kiteb din it-talba.

Il-ktieb ta' Renoux jagħlaq b' bosta verżjonijiet tat-talba (pp. 173–196), bibliografija (pp.197-202), u tal-ismijiet u l-istituzzjonijiet (pp.203-208) u tal-postijiet (pp. 209-210).

Il-ktieb ta' Renoux juri kif ir-riċerka tal-bidu ta' kull kitba tista' titfa dawl biex tifhem l-iżvilupp u l -evoluzzjoni tal-idejat tul l-istorja. Dan il-ktieb huwa strument importanti biex tifhem aħjar l-egħruq tal-*ispirtu t' Assisi*.

Kapitlu Provinċjali 2014

Bħala tħejjija għall-Kapitlu Provinċjali, li se jiġi ċċelebrat f' Mejju 2014, id-Definitorju Provinċjali ħatar lil :

P. Mark Ciantar - Segretarju tal-Kapitlu
P. Stephen Sciberras - Assistent Segretarju tal-Kapitlu
P. Eddie Pace - Segretarju personali tal-Viżitatur Generali

Aktar 'il quddiem aħwa oħra se jiġu mitluba joffru servizzi oħra. Minn qalbna nirringrazzjawhom tas-servizz li se joffru.

O Mulej, inti sejjaħtilna biex ngħixu l-Vanġelu fuq l-eżempju ta' San Franġisk u Santa Klara - agħmel li nkunu għal ħutna, ħabbara tal-Qawmien tiegħek.

Chiara Lubich:
permezz ta' Franġisku ltaqgħtet ma' Ġesu

Żgur li waħda mill-personaltiajiet li dan l-aħħar ħalliet impatt qawwi fuq l-umanita kollha kienet Chiara Lubich (22 ta' Jannar 1920 - 14 ta' Marzu 2008). Barra li hija l-fundatriċi tal-Moviment tal -Fokolari, hija mara mistika kbira, li speċjalment mill-kitbiet tagħha, wieħed jista' jagħraf l-għotja totali tagħha lil Alla għat-tiġdid tal-Knisja u għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha.

Silvia, li ħadet l-isem ta' Chiara meta daħlet fl-Ordni Franġiskan Sekular, għamlet il-vot għal dejjem tal-verginita nhar is-7 ta' Diċembru 1943, fi żmien drammatiku tal-aħħar gwerra dinjija. Wieħed mill-aktar punti ta' ħajjietha kienet l-imħabba qawwija u r-rispett lejn il-Papiet : minn Piju XII sal-B.Gwanni Pawlu II.

Fuq kollox hija tħoss li hija bint ta' Franġisku u Klara. Fl-ittri tagħha li jinsabu fil-ktieb - *Lettere dei primi tempi. Alle origini di una nuova spiritualita*' (Casa Nuova Editrice), li fih mas-60 ittra li kitbet bejn l-1943 u l-1949, tidher sew l-impronta tagħha ta' franġiskana. L-aktar qaddisin li hija ssemmi huma S. Franġisk u S. Klara . Hija tikteb ħafna ittri lil xi membru tal-familja franġiskana. Chiara għamlet tagħha l-ispiritwalita franġiskana permezz tal-kristoċentrizmu u l-imħabba kbira li kellha lejn il-Kurċifiss fqir b'ferħ evanġeliku u fratern.

Hawn se nġiebu x' qalet hi fis-26 t'Ottubru ġewwa Assisi

Affinity between the Franciscan and the Focolare Spiritualities

"Urs von Balthasar says that when the Holy Spirit sends one of his charisms, a little window is opened for the first time in heaven, through which it is possible to know truths which, although contained in the patrimony of the Church, appear to be new. Through the charism of unity, that little window revealed to us, for as much as it is possible for us human beings to understand, many of these mysteries which are like the two sides of the same medal: Jesus forsaken and unity.

I believe that the little window of St. Francis was unity and poverty. …

But generally speaking, charisms – as I said before – have something in common with one another. I feel that this is the case of our charism and that of St. Francis. I am not sufficiently prepared for this analysis. Nonetheless, I can attempt to point out some similarities, also in view of the information that was kindly given to me.

Everyone knows, for example, that – just as the first point of our spirituality demands – the heart of St. Francis was all inflamed with a very ardent love towards God, to the extent that we can consider it to be the great ideal of his life. Do not the words "My God, my God," his nocturnal prayer, which others translate as "My God and my all," reveal that the Lord was at the centre of his heart and at the apex of his thoughts?

Furthermore, interesting and new for me was the emphasis on unity, our characteristic charism, which appears in an official document of Pope Innocent IV. Consenting to the requests of Claire, abbess of St. Damian in Assisi, and her sisters, he permanently confirmed for all of them and for those who would follow them "the form of life and the way of holy unity and most high poverty".

St. Claire herself affirmed that the "poor sisters" gathered together in order to live in "holy unity." "May we always be eager to conserve the unity of mutual charity, which is the bond of perfection." It is a form of life which in essence reproduces the rule and life of the Friar Minors as well as that of the Franciscan Third Order. Unity, therefore, would seem to be in the first place also in the Franciscan spirituality, while the highest poverty, which is usually thought of in the world as the ideal par excellence, the sole ideal of St. Francis, would seem to come afterwards. It would seem to come afterwards according to these definitions, and as a means to unity.

With regard to the new commandment of Jesus, also Francis wanted his brothers to love one another. He affirmed: "May they always love one another as I have loved them and do love them." In reference to the community of St. Claire it was written: "There reigns among them, above all else, the virtue of a constant, mutual charity."

As I said before, we strive towards universal brotherhood to the point of achieving the dream of a united world. But didn't St. Francis strive for this as well – as they said here – embracing all people along with the cosmos with the sun, the moon, and the stars?

I read that John Paul II recently spoke of the priority and centrality that St. Francis gave to a brotherhood based on the Gospel. Likewise, Cardinal Etchegaray, in his homily during the Jubilee Mass of the Franciscan family, said, among other things, that a life truly based on brotherhood was the wild dream, the daring project, the obstinate plan of Francis and his first companions.

With regard to the Word of God, which we constantly put into practice, is it not common knowledge that St. Francis not only meditated on the word, but that he "lived" it *sine glossa* [without comment]?

The idea of having "nothing of one's own" - which for Francis meant total exterior and interior expropriation, and for St. Claire that abnegation mentioned in the bull of canonization – this idea finds a perfect and insuperable model in Jesus crucified who was totally annulled physically and spiritually in the abandonment.

And we cannot help but notice the likeness between the experience of the friars with the young Jesus in their midst, narrated in the *Little Flowers*, and what we try to live every day in our focolares and in the whole Movement.

In addition: the name Claire, St. Claire calls to mind *claritas*, a term which is close to our heart, intent as we are in "clarifying" human realities, that is, in bringing the light of the supernatural into the most varied environments on earth: in politics, in art, in economy, in science, in education...

These are only a few ideas, but we hope significant ones. Who knows what you would have to say! You Franciscans!"

Chronicle of the Twenty-four Generals of the Order of Friars Minor

The history of the Franciscan Order during its first two centuries of existence has been the subject of intense research and study. The Sources for the Life of Saint Francis are of fundamental importance to understand the historical background in which the Order of Friars Minor was born and developed. Many of these mediaeval documents are now edited, and they have been translated into English and can be read by the general public.



Other less known Sources, however are still awaiting publication. Among these documents we mention two voluminous works that were produced during the latter half of the 14th century, namely the *Chronica XXIV Ministrorum Generalium Ordinis fratrum Minorum*, by the Franciscan Arnald of Sarrant, from the Province of Aquitaine (written in 1369-1374), and the *Liber de Conformitate vitae beati Francisci ad vitam Domini Iesu* by the Franciscan Bartholomew of Pisa (written in 1385-1399).

Fr. Noel Muscat O.F.M. a member of our Maltese Franciscan Province of St. Paul, and currently residing in the Holy Land, is offering a translation of The Chronicle of the 24 Ministers General by Arnald of Sarrant into English. This is the first time that a complete translation of the Chronicle has been completed.

The Chronicle of the 24 Ministers General presents the history of the Order of Friars Minor from its foundation by Saint Francis of Assisi (1182-1226) to the General Leonard of Giffoni and the beginning of the Western Schism (1378). This translation is the fruit of three years of work, and is based on the Latin critical edition.

The Chronicle was published in Latin by the Franciscan scholars and Quaracchi editors in 1897, in Volume 3 of *Analecta Franciscana*, and covers 575 pages of text, plus 134 pages of appendixes. Because of its voluminous nature, the entire Chronicle has been translated in 5 sections covering respectively the following historical periods: (1) Saint Francis and the early Franciscan fraternity; (2) The Generals from Brother Elias as vicar (1227) to Saint Bonaventure (1274); (3) The Generals from Jerome of Ascoli (1274) to Michael of Cesena (1328); (4) The Generals from Gerard Eudes (1329) to Leonard of Giffoni (1378); (5) Appendixes to the Chronicle. The translation is enriched by footnotes, and explanations on the various historical events narrated and on the personages of the Chronicle.

The volume has the aim of providing a readable translation, without pretending to be a translation of a scholar of mediaeval Latin. The author has tried to present a translation which would be as faithful as possible to the original text, and which, indeed, has been made with the intention of being as professional as possible. It is available on iPhone, iPad, or iPod touch.

N.B. Grazzi mill-qalb, P. Noel, ta' dawn ix-xogħolijiet sbieh li qed toffrilna. Nawgurawlek li tkompli jttina aktar xogħolijiet, li jdawwluna fuq l-ispiritwalita u l-istorja tal-Ordni tagħna.

AĦBARIJIET MILL-PROVINĊJA TAGĦNA

Fl-20 ta' Frar P. Mark Ciantar, f'isem id-Dar Frate Jacoba, irċieva l-premju tal-*President's Silver Award for Voluntary Work 2012* mingħand il-President ta' Malta, l-Eċċ. Tiegħu Dr. George Abela. Dan il-premju jingħata bl-għajnuna tal-HSBC Bank.

Nhar it-3 ta' Marzu l-Arċisqof Mons. P. Cremona O.P. mexa konċelebrazzjoni fil-Knisja tagħna tal-Ħamrun fl-okkażjoni taż-żjara pastorali li kien qed jagħmel fil-Parroċċa tal-Kunċizzjoni. Wara kellu ċans li ltaqa' mannies li attendew għall-Quddiesa. Imbgħad għaxart tjiem wara, mar u kiel mal-fraternita'.

Id-Definitorju Provinċjali ta l-permess biex, żewġ kwadri, li kienu parti minn polittiku kbir (li oriġinalment kien fuq l-altar maġġur) - li wieħed juri l-Madonna u l-Bambin Ġesu u l-ieħor l-inżul mis-salib ta' Ġesu', isirilhom studju xjentifiku u restawr tagħhom mir-*Research Programme for the Study of Art and Architecture of the Late Medieval and Early Renaissance Art and Architecture* tal-Universita ta' Malta mmexxi mill-Profs. Mario Buhagiar. Dawn il-kwadri jinsabu fil-knisja tagħna tar-Rabat u saru minn Antonio Resaliba da Messina, il-kuġin tal-famuż Antonello da Messina.

Fid-19 ta' Marzu ġiet ċċelebrata l-festa solenni ta' S. Ġużepp fil-knisja tagħna tar-Rabat. Bħas-soltu l-fraternita tagħna, flimkien mal-Arċikonfraternita ta' S. Ġużepp, ħejjew programm ta' ċelebrazzjonijiet. Il-Pontifikal tmexxa mill-Arċisqof ta' Malta, li kien mistieden ukoll għall-pranzu. Ha sehem ukoll, għall-ewwel darba, Mons. Charles J. Scicluna, Awżiljarju ta' Malta. Il-funzjonijiet prinċipali l-oħra tmexxew mill-Provinċjal, P. Sandro Overend O.F.M.

FESTI MEJJU 2013 BIRTHDAYS

03. P. Alexander Borg
P. Sandro Overend - Provincjal
12. P. Cherubim Galea
07. P. Charles Diacono
08. P. Mark Enriquez
27. P. Raymond Falzon

Xewqat qaddisa !!!!!!!

Bejn it-8 u t-12 t' April, fid-Dar tal-Irtiri Porzjunkola, se jiltaqgħu l-Provinċjali tal-Konferenza Ingliża tal-Ordni tagħna (E.S.C.).

Fis-27 t' April se jkollna fostna l-Ministru General P. Jose Rodriguez Carballo O.F.M. għall-festi ċentinarji ta' S. Ġużepp, ir-Rabat.

Bħala tħejjija għall-Kapitlu Provinċjali Mejju 2014, nhar it-Tlieta 14 ta' Mejju se ssir laqgħa ta' nofstnhar (9.30 am - 1.00 pm) għall-patrijiet kollha ġewwa d-Dar tal-Irtiri Porzjunkola f' Baħar iċ-Ċagħaq. Mistieden speċjali : l-Isqof Awżiljarju, Mons. Charles J. Scicluna. L-aħwa kollha huma mħeġġa biex jattendu.

WERREJ

Il-fidi ta' S. Franġisk (7)	2 - 3
Papa Franġisku	3
Fra Ginepro	4 - 5
Talba tal-paċi (2)	6 - 7
Chiara Lubich	8 - 9
Chronicle of the Min. Generals	10
Aħbarijiet mill-Provinċja	11

OFM - LINK

L-Editur
P. Alexander Borg O.F.M.
Patrijiet Franġiskani
Triq Dun Pawl Vella
Tas-Sliema SLM 3200
Tel. 21 33 11 83

għall-aħħar aggornamenti
http:// ofm.org.mt
Grazzi lil P. Joseph Magro O.F.M.